**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Gunju, 2016

Rikors Nru : 521/15 AL

AB

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fil-Furjana fil-parocca ta' San Publiju nhar it-tlieta ta' Marzu tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (3/3/1991) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A);
2. Illi minn dan iz-zwieg taghhom, twieled NB nhar il-15 ta' Settembru 1991;
3. Illi NB Illum ghandu 24 sena u ghandu impjieg full time bhala operations executive ma RLR Yachting;

4. Illi l-partijiet issepraw permezz ta' kuntrattt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Edward Flores nhar l-24 ta' April 1995 (kopja annesa u mmarkata Dok B);
5. Illi ghaldaqstant ghaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali taghhom;
6. Illi l-esponenti tiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom. Illi l-esponenti ilha f'relazzjoni mal-partner prezenti taghha mill-1998 filwaqt li l-intimat kellu diversi relazzjonijiet tant illi kellu zewgt itfal minghand nisa differenti;
7. Illi dan kollu huwa debitament konfermat fl-affidavit tal-esponenti, anness u immarkat Dok C;
8. Illi ghaldaqstant huma sodisfatti ir-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata d-divorzju;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Dicembru 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Semghet lir-rikorrenti prezenti fl-awla tikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' April 1995;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.